**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 28 ta' Mejju 2024**

Rikors Numru: 137/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1124/1998)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elf disa mija u tmienja u disghin (05/07/1998) u dan kif jirriżulta mič-certifikat taż-żwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

2. Illi miż-żwieġ tagħhom twieldet D E nhar il-hamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elfejn (2000);

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz takuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool, nhar l-erbgħa (4ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta (4/12/2003) (kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok B';

4. Illi fl-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu rregolaw il-manteniment tal-minuri, liema manteniment dejjem thallas mir-Ragel u dwar liema m'hemm l-ebda pendenzi u/jew arretrati;

5. Illi l-partijiet kienu reċiprokament irrinunzjaw mid-dritt tagħhom li jitolbu u jottjenu manteniment mingħand xulxin;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-għaliex, illum il-ġurnata iż-żewg partijiet għandhom hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi għall-ksib tad-divorzju u dan skont l-Artikolu 668 tal-Kap. 16 tal- Ligijiet ta' Malta

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet al termini tal-artikolu 668 tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taż-żwieg tal-partijiet;

3. U dan taht kull provvediment iehor li l-istess jidhritha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

1. Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, D E, li twieldet nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn (2000), illum maggorenni;
2. Illi huwa minnu ukoll li l-kontendenti kienu sseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Vanessa Pool fl-4 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003);
3. Illi l-esponenti tirrileva li l-manteniment ta' binthom dejjem thallas u ma hemm l-ebda pendenzi;
4. Illi l-esponenti temmen bis-shih li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti li ghandhom hajja indipendenti minn xulxin;
5. Illi l-esponenti m'ghandha l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tippronunzja d-divorzju bejniethom kif ukoll sussegwentement jkun formalment registrat fir-Registru Pubbliku, dment li l-esponenti ma tbati l-ebda spejjez gudizzjarji.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Marzu, 2024;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Diċembru 2003;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.